MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 738/2012

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Buttigieg Carlos**
**ID-410993 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, tlett mija tmienja u disghin ewro erbgha u erbghin centezmu (€1,398.44c) in konnessjoni ma’ servizz/i ta’ kommunikazzjoni bin-numru 79686890 numri tal-kont A/C40182957, moghtija mis-socjeta’ attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontr l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.D.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tlett mija tmienja u disghin ewro u erbgha u erbghin centezmu (€1,398.44c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------